**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 262/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Amira Kabthani Ep Bernakat**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Amira Kabthani Ep Bernakat, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 187455A, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Ġunju 2020, għall-ħabta tat-3:30pm ġewwa Triq il-Vittorja, l-Isla:

1. Insulentat, heddedt jew inġurjat bi kliem jew b'mod ieħor lil Darren Brincat.
2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamlet uzu ieħor mhux xieraq bih.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta ddikjarat lill-imputata ħatja tat-tieni imputazzjoni u kkundannatha għall-ħlas ta' multa ta' ħames mitt ewro (€500) filwaqt li lliberatha mill-ewwel

imputazzjoni. *In oltre*, il-Qorti rabtet lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħha nnifisha ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn dik is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti, Amira Kabthani Ep Bernakat, ppreżentat fit-30 ta' Lulju 2021, fejn talbet lill-Qorti:

1. Filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-appellanti mill-ewwel (1) imputazzjoni minħabba preskrizzjoni;
2. Tħassar u tirrevoka s-sentenza fejn sabet lill-appellanti ħatja tat-tieni akkuża miġjuba fil-konfront tagħha u minflok tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;
3. F'kull każ u sussidjarjament, tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellanti u minflok tinfliġġi piena aktar idoneja skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel ma tinoltra ruħha fl-aggravju imqanqal mill-appellanti marbut mal-mertu tal-każ, il-Qorti qabel xejn trid neċessarjament tqis il-preġudizzjali sollevat dwar in-nullita' tas-sentenza appellata u dan meta l-appellanti tikkontendi li ma ġewx osservati r-rekwiżiti rikjesti *ad validitatem* fl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, l-istess Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jittratta speċifikament x'għandu jkun fiha sentenza *ad validatem* u jiddisponi s-segwenti:

> **Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun gie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.**

Illi jibda biex jingħad illi għalkemm l-appellanti tissolleva din il-preġudizzjali fit-tieni aggravju minnha intentat, madanakollu ma tindikax fejn fl-istess sentenza hemm xi nuqqas li jwassal għan-nullita' lamentata. Illi fil-fatt minn analiżi tas-sentenza appellata ma tirriżulta ebda nuqqas minn naħa tal-Ewwel Qorti li tikkonforma ruħha mar-rekwiziti kollha rikjesti fl-artikolu tal-Liġi appena ċċitat.

Illi għalkemm jidher illi l-Ġudikant kitbet is-sentenza oriġinali *di proprio pugno* fuq il-komparixxi, madanakollu din is-sentenza ġiet imbagħad miktuba formalment, liema sentenza tinsab inserita fl-atti. Fi kwalunkwe każ fid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma naqqset milli tosserva dawk l-elementi meħtieġa proċeduralment ai fini ta' validita'. *Di fatti*, jirrizulta illi l-Ewwel Qorti rriproduċiet l-imputazzjonijiet hekk kif debitament miġjuba kontra l-appellanti u sussegwentement wara li ddikjarat li rat id-dokumenti kollha eżebiti mill-Prosekuzzjoni u semgħet x-xiehda tal-kwerelanti u finalment it-trattazzjoni orali tal-partijiet, ipproċediet sabiex tagħti suċċint qasir tal-provi u saħansitra ndirizzat il-linja difensjonali tal-appellanti. Sussegwentement, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tikkwota l-artikoli tal-liġi għal dik l-imputazzjoni li dwarha kienet qed issib ħtija, u erogat l-piena relattiva.

Illi kif superjorment deċiż fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Keith Pace"[1]:

> **"Meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat, il-formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza....."**

Għaldaqstant dan l-aggravju imqanqal mill-appellanti jirrażenta il-fieragħ u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat l-aggravju dwar in-nullita' tas-sentenza appellata, jifdal biex jiġi eżaminat l-aggravju l-ieħor imressaq mill-appellanti, u ċioe' dak li għandu x'jaqsam mal-

[1] Deċiża nhar il-5 ta' Mejju 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Grazio Scicluna" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Marzu 2004 kif ukoll "Il-Pulizija vs Justin Gambin" deċiża mill-Imħallef Lawrence Quintano nhar it-2 ta' Lulju 2012.

apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. L-appellanti issostni li t-telefonata, u n-numru tat-*telephone* minn fejn oriġinat l-istess telefonata inkriminatorja, ma ġewx ppruvati lill hinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni u li minħabba f'hekk, l-Ewwel Qorti ma messha qatt sabet ħtija fil-konfront tagħha kif għamlet.

Illi, ir-reat li tiegħu l-appellanti ġiet misjuba ħatja huwa dak ikkontemplat fl-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi:

> **Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –**
>
> **(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew**
>
> **(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew**
>
> **(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat...**

Issa l-appellanti ġiet misjuba ħatja, kif ingħad, tar-reat ikkontemplat fis-sub-inċiż (c) hawn fuq iċċitat u ċioe' li għamlet użu mhux xieraq tal-apparat telefoniku. Illi ġie superjorment deċiż:

> **"Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola *eiusdem generis,* huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c) msemmi in kwantu huma messaggi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.[2]"**

[2] App.Inf. Il-Pulizija vs Alfred Grech deciza 19/07/2013 App. Nru.344/2012

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Francine Cini" [3]" ġie ritenut li –

> **""uzu mhux xieraq" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haġa taħt il-kappa tax-xemx, magħduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta ta' theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti. It-theddid irid ikollu wkoll il-karatteristika fundamentali li jkun jipprospetta xi forma ta' ħsara inġusta."**

Illi, l-uniċi provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jikkonsistu fl-affidavit redatt minn PC 791 J. Borg u x-xhieda tal-kwerelant Darren Brincat. Mill-affidavit ta' PC 791 jirrizulta li nhar is-6 ta' Ġunju tas-sena 2020, Darren Brincat irraporta lill-Pulizija li kien ġie mhedded mill-mara tiegħu, meta għall-ħabta tas-1:30pm, kien irċieva telefonata mingħandha minn fuq in-numru 77381945, fejn din hedditu li kienet se tobroxlu l-vettura tiegħu. Stqarr ukoll li ftit tal-ħin wara, l-istess Amira Khabtani kienet marret wara l-bieb tar-residenza tiegħu fejn bdiet tħabbatlu u tigriflu l-bieb u tgħidlu illi "*jekk ma tagħmilx visa lill-oħti u jiena nidħol id-dar, naħraqlek il-karozza jew inġib l-Għarab jaħarqu lilek*". Huwa kompla jistqarr li dakinhar stess, għall-ħabta ta' 6:55pm, wara li Amira kienet ġiet mitkellma mill-Pulizija, hija reġgħet ċemplitlu fejn għal darb'oħra reġgħet hedditu li ser taħraqlu l-vettura tiegħu.

Illi dan huwa kollu kkonfermat fix-xiehda ta' l-istess Darren Brincat quddiem l-Ewwel Qorti mogħtija nhar il-15 ta' Lulju 2021 fejn huwa xehed li nhar is-6 ta' Ġunju tas-sena 2020, huwa rċieva telefonata ta' theddid mingħand l-appellanti. Huwa spjega li ilhom xi żmien mizzewġin pero' kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Mistoqsi f'hiex kien jikkonsisti t-theddid li huwa rċieva, huwa spjega li l-appellanti kienet hedditu li jekk ma jagħmilx visa lill-oħtha, hija kienet ser tigriflu u taħraqlu l-karozza jew iġġib l-Għarab jaħarqu lilu. Kompla jispjega li dan id-diskors beda permezz ta' telefonata imbagħad kompla meta l-appellanti marret wara l-bieb ta' barra tad-dar tiegħu u qajmet kommossjoni sħiħa. Mistoqsi dwar in-numru tat-telefon ċellulari tal-

[3] Deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati fl-24 ta' Lulju 2017.

appellanti, huwa stqarr li n-numru minn fejn oriġinat it-telefonata kien dak appartenenti lill-appellanti, u ċioe', 77381945. Dan jafu għaliex għalkemm jikkontendi illi l-appellanti kellha il-vizzju tbiddel in-numru tagħha diversi drabi, madanakollu kien jaf li tagħha għax tibagħtlu ħafna messaġġi.

Illi l-appellanti qajmet lanjanza propju marbuta ma' din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni li, fil-fehma tagħha, ma tikkostitwiex l-aħjar prova dwar jekk l-allegata telefonata verament seħħitx, kif ukoll dwar lil min kien jgħajjat in-numru minn fejn oriġinat l-istess kjamata u dan meta l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq bħala xhieda lil provdituri tas-servizz li setgħu jikkonfermaw *o meno* dak kollu allegat mill-parti offiża. Illi minn eżami tal-atti jirriżulta mill-verbal tas-seduta datata 15 ta' Lulju 2021, li l-istess Prosekuzzjoni "*talbet differiment sabiex tressaq bħala xhud lis-service providers*". Kien propju minħabba l-oġġezzjoni tad-difiza għall-istess li l-Qorti ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni, u għalhekk il-Prosekuzzjoni għaddiet sabiex tagħlaq il-provi tagħha. Huwa kemmxejn ironiku li issa fi stadju ta' revizjoni, id-difiza qed tilmenta li ma nġabitx prova li hija stess oġġezzjonat għal produzzjoni tagħha.

Illi dan magħdud, madanakollu l-Qorti xortawaħda hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konkluzjoni illi t-telefonata in kwistjoni seħħet u li l-istess oriġinat mil-apparat telefoniku tal-appellanti stante illi dan ġie ikkonfermat mill-parti offiża stess fix-xiehda tieghu, xiehda li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod. Mhux biss iżda il-kliem u id-diskors li sar mill-appellanti fuq it-telefon, hija reġgħet tennitu meta marret ukoll fizikament quddiem ir-residenza ta' żewġha aktar tard fl-istess jum. L-Ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-liġi, għazlet li tagħti affidabbilita' lil dak li xehed il-parti leża, liema xhieda ġiet ukoll sottoposta għal kontro-ezami tad-difiza. Għalhekk il-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' iġiegħelha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fir-rigward. Illi il-kliem adoperat mill-appellanti fil-konfront ta' żewġha fit-telefonata inkriminatorja kien tali li ttrasmettew fil-vittma messaġġ li ntimidah, għamillu ħsara, dejjqu u vvessah u għaldaqstant, dak l-għemil tal-appellanti, jikkostitwixxi l-att materjali tar-reat ravviżat fl-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn il-motivi dan l-aggravju mressaq mill-appellanti ukoll qed jigi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti tinnota li fit-talbiet finali magħmula fir-rikors ta'l-appell mressaq mill-appellanti, hija titlob li jekk l-aggravji tagħha jiġu miċħuda, għandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena biex din tkun aktar idoneja skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, u dan għalkemm ma tressaq ebda aggravju formali fir-rigward. Illi ċertament ma għandux ikun mitlub mill-Qorti illi toqgħod tfittex u tindaga hija stess x'kien il-mottiv wara t-talba imressqa mill-appellanti. L-aggravji għandhom jiġu imfassal sew u b'mod ċar u dan sabiex mhux biss il-Qorti tkun tista' tifhem dak li qed jiġi mitlub, iżda li l-kontro-parti ukoll tkun f'posizzjoni tilqa' u twieġeb għal-lanjanzi mqanqla mill-persuna li tkun qed tfittex xi rimedju minn din il-Qorti ta' reviżjoni.

Illi, dan magħdud, madanakollu, billi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet tirrispekja l-fattispeċi tal-każ, kif ukoll kienet taqa' fil-parametri tal-Liġi u kienet pjuttost tqarreb lejn il-minimu tagħha, l-Qorti tara li m'hemmx mottiv li jista' jwassal għal ebda mitigazzjoni u għalhekk din it-talba ser tiġi miċħuda.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**